KUNSILL LOKALI

KALKARA

LOCAL COUNCIL

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Kalkara

## It-9 LEĠISLATURA

**Laqgħa Numru 3/24**

27 t' Awwissu 2024

Il-Kunsilli Lokali Kalkara ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 12, Binja tas-Salvatur, Wesgħet l-10 ta' Diċembru, 1897 fl-4 ta' wara nofsinhar.

### PREŻENTI:

Wayne Aquilina - Sindku
Speranza Chircop - Viċi-Sindku
Maria Sultana - Kunsilliera
Vincent Bongailas - Kunsillier
Nadine Micallef - Kunsilliera

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI:**

Ma kienx hemm.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Etienne Scicluna – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku, ippresjeda l-laqgħa

**3.24.1 <u>Qari ta' Ittri ta' Apoloġija</u>**

3.24.1.1 Ma kienx hemm.

**3.24.2 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' Minuti</u>**

3.24.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 2.24 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u għal daqstant ġew meqjusa bħala moqrija.

3.24.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni mis-Sa Maria Sultana u sekondati mis-Sur Vincent Bongailas l-minuti ta' seduta 2.24 ġew approvati unanimament.

3.24.2.3 Is-Sindku u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti bħala dokumenti korretti.

**3.24.3 <u>Punti mill-Minuti Preċedenti</u>**

3.24.3. Lista tal-għaqdiet.

**3.24.4 <u>Kommunikazzjoni mis-Sindku</u>**

3.24.4.1 **Sitwazzjoni Finanzjarja**

Fis-16 ta' Lulju 2024, is-Sindku ltaqa' mad-Direttur Ġenerali, id-Direttur tal-Finanzi u Diretturi oħra mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali (DLG) flimkien mal-President tal-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u l-President tar-Reġjun Port biex jiddiskutu l-*way forward* dwar il-qagħda finanzjarja tal-Kunsill Lokali. Matul il-laqgħa tqajmu diversi punti fejn irriżulta li biċ-ċar illi l-Kunsill Lokali għandu jingħata għajnuna finanzjarja b'mod immedjat. Is-Sindku saħaq illi huwa ilu għal dawn l-aħħar 4 snin jitlob assistenza finanzjarja inkluż żieda fl-allokazzjoni annwali peress li l-allokazzjoni mhux qed tkopri l-ispejjeż kurrenti b'mod partikolari t-*tipping fees* tal-iskart.

Id-Direttorat ikkonferma illi ser jagħmel kull mezz possibli sabiex jassisti l-Kunsill. Fl-aħħar ta' Awwissu, il-Kunsill ġie mgħarraf mid-Direttur Ġenerali tal-Gvern Lokali illi ser ikun hemm finanzjarjament addizzjonali ta' €189,000. Is-Sindku spjega illi il-maġġorparti tal-ammont ser imur biex jitħallas il-kuntrattur tal-iskart u dawk l-invoices li ilhom pendenti.

3.24.4.2 **Servizz ta' Trasport għar-Residenza ta' San Vinċenz De Paul**

F'dawn l-aħħar ġimgħat, is-Sindku rċieva talbiet mingħand residenti għal servizz ta' trasport lejn San Vinċenz De Paul bl-użu tal-van tal-Kunsill . Is-Sa Chircop kellha talbiet simili u qablet mas-Sindku sabiex il-Kunsill jibda

jipprovdi dan is-servizz. Bħala proġett pilota, is-servizz ser jibda jkun kull nhar ta' Tnejn filgħodu fit-8.30am u lura fil-11.30am..

Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan il-proġett pilota.

4.24.4.2 **Il-Proġett fi Triq ix-Xewkija u ż-Żona tax-Xewkija, Kalkara**

Is-Sindku provda aġġornament dwar ix-xogħolijiet fiż-żona tax-Xewija u nfora lill-Kunsillieri li l-ġimgħa d-dieħla (fil-bidu ta-Settembru) jiġu konklużi x-xogħolijiet infrasstrutturali u l-Kunsill qiegħed jaħdem fuq il-proċess ta' verifikazzjoni tas-sottomisjonijiet skont il-kriterji stuplati mill-Kunsill. Irriżulta li hemm uħud li ma humiex ġustifikati kif ukoll abbużi fis-sottomissjoni li ma jimmeritawx li jiġu approvati. Sadanittant, l-Assoċjazzjoni tal-Mazzri Birgu u Kalkara Creek irrikorrew għand l-avukat tal-fiduċja tagħhom għall-parir legali. B'riżultat t'hekk, il-Kunsill irċieva ittra mingħand l-avukat indirizzata lis-CEO, GHRC fejn din l-Assoċjazzjoni saħqet li dawk is-sidien li kellhom id-dgħajsa fiż-żona tax-Xewkija għandkom jingħataw preferenza. Ftit ġranet wara, il-Kunsill ottjena petizzjoni mill-istess persuni li marru għand l-avukat.

Is-Sindku informa wkoll li fl-istess ħin, huwa kien għaddej b'diskussjoni ma' wkoll mal-Kumitat ta' din l-Assoċjazzjoni sabiex tassistih fit-tqassim tad-dgħajjes.

Il-Kunsill ser ikun qiegħed jabbozza set ta' regolamenti u kundizzjonijiet li fih ser jinkludi ħlas amministrattiva bl-għan li jkun jista' jamministra ż-żona. Fil-bidu ta' Settembru, il-Kunsill ser ikun f'pożżizjoni li jistabilixxi min għandu jkun intitolat li jiġi assenjat spazju għad-dgħajsa skont ċertu kriterji.

Is-Sa Sultana staqsiet jekk hux ser isir laqgħa oħra. Is-Sindku qabel li ssir laqgħa biex jiġu spjegati r-regolamenti u l-kundizzjonijiet stabbiliti mill-Kunsill Lokali.

Is-Sur Bongailas semma' l-abbużi preċedenti kif ukoll dawk li qed jorbtu mal-moll.

3.24.4.3 **WhatsApp Group għar-Residenti**

Is-Sindku ippropona li jinħoloq WhatsApp Group għar-residenti Kalkarizi fejn fih l-Kunsill ikun jgħaddi nformazzjoni permezz ta' avviżi lir-residenti bħala meta jkun hemm xi xogħolijiet għaddejjin fil-lokalita` fosthom qtugħ ta' dawl u/jew ilma.

2.24.4.2 **Lejla Rnella**

Bħalissa, l-organizatur ta' Lejla Rnella għaddej bil-preparamenti għas-serata musikali. Simili bħas-snin preċedenti, din is-serata beħsiebha tattitra diversi nies kemm residenti u anki minn barra l-lokalita`.

2.24.4.1 **Festa tal-Kalkara 2024**

Wara li issa għaddiet il-festa tar-raħal, is-Sindku tkellem fuq ix-xogħolijiet involuti u l-assistenza tal-Kunsill matul il-ġranet tal-festa li fiha diversi laqgħat

mal-entitajiet kkonċernati, b'mod partikolari mal-Korp tal-Pulizija, mal-LESA, Clean Malta u ż-żewġ għaqdiet tal-Banda.

Is-Sindku ta' rendikont fuq in-nefqa tal-Kunsill għas-servizzi mogħtija li tammonta għal madwar €3,000 li fih jinkludi serviżżi tal-LESA, ambulanza, servizz ta' ħasil tat-toroq, preċentazzjoni ta' fjuri lill-knisja u servizzi oħrajn (Dok 1). Irringrazzja b'mod speċjali l-Clean Malta talli provdew servizzi ta' tindif u ħasil tat-toroq permezz tal-i*street sweeper* u l-bowżer, ġbir ta' skart matul il-ġimgħa tal-festa u fil-festa.

**3.24.5 Korrispondenza**

**3.24.5.1 Tender dwar iż-żamma tal-Ġonon u Soft Areas**

Is-Segretarju Eżekutiv spjega l-istadju kurrenti dwar il-ħruġ tat-tender jikkonċerna ż-żamma tal-ġonon u s-soft areas. Żied jgħid li l-Bord ta' Evalwaturi lestew l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet fejn fih kien hemm tlett *bidders* għalhekk ġie ppreżentat ir-rapport uffiċjali tal-istess evalwaturi.

Il-Kunsill unanimament qabel mar-rapport u ntalab sabiex nipproċedu għall-*award tat-tender* u li hemm terminu ta' għaxart ijiem sabiex il-*bidders* li ma ġewx awarded it-tender, jisottomettu appell.

**3.24.5.2 Tender tal-Bulky Refuse**

Bħalissa, qiegħed jiġi rivedut it-tender tal-ġbir ta'skart wara li ġie kkanċellat il-proċess tat-tender fuq l-istess materja.

Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-Kunsill li fil-ġimgħat li ġejjin għandu terġa' toħroġ is-sejħa mill-ġdid minn fuq il-portal tad-Dipartiment tal-kuntratti.

**3.24.5.3 Servizz ta' Sigurta` fix-Xatt**

Is-Sindku ddeskriva s-servizz tas-sigurta` li qiegħed jingħata matul il-*weekend* fil-Misraħ Arċisqof Gonzi u esprima d-diżappunt fil-kwalita` li tal-istess servizz.

Filwaqt li kienet deċiżjoni għaqlija bħala proġett pilota li tingħalaq il-karreġġjata ta' fejn hemm l-istabilimenti u tiġi żona pedonali, madanakollu s-servizz tas-sigurta` kien wieħed inferjuri. Dan għaliex, il-Kunsill irċieva sensiela ta' rapporti minn ġenituri u persuni oħra li ż-żona ma kinitx qegħda tiġi ssorveljata kif mitlub mill-Kunsill. Tant u hekk ċertu żgħażagħ baqgħu jagħmlu storbju u eventwalment bdew idejqu lin-nies li kienu fil-Misraħ jew fil-bandli.

Il-Perit Micallef issuġerit illi ġaladarba waqaf is-servizz tas-sigurta`, għandhom jitpoġġew *bollards* jew qsari mdaqqsin jew katina li titwaħħal mal-*bollards* eżistenti biex din iż-żona tkun aktar protetta mit-traffiku.

**3.24.5.4 Vettura li Tintuża għax-Xogħolijiet ta' Manutenzzjoni tal-Kunsill**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-Kunsill illi fl-aħħar ġimgħa ta' Lulju rċieva imejl mingħand il-kuntrattur li jipprovdi van lill-Kunsill li jintuża għal xogħolijiet

relatati ma' manutenzzjoni fil-lokal li ser jgħolli r-rata mensili minn €300 għal €900. Għalhekk is-Sindku assista sabiex jsir arranġament ma' kuntrattur ieħor bi prezz raġonevoli simili ma' dak li qiegħed jitħallas bħalissa.

3.24.5.5 **Probation Unit**

Uffiċjal mid-Diviżjoni tal-Probation bagħtet kommunikazzjoni lill-Kunsill dwar persuna li talbet tagħmel 300 siegħa xogħol fil-kommunita' hekk kif ordnat mill-Qorti. Għalhekk saret laqgħa mas-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv flimkien mal-Uffiċjal tal-Probation Unit u l-persuna li ser tagħmel ix-xogħol kommunitarju. Ġie stabilit li din il-persuna ser tibda tiġi darba u tagħmel 5 siegħa xogħol sakemm teżawrixxi it-300 siegħa.

2.24.2.3 **Skedanza tal-Kuntratt tal-iSchool Grannies**

Is-Sindku nforma illi wara li reġgħu fetħu l-applikazzjonijiet għal dawk il-persuni nterresati biex iservu bħala all-iSchool Grannies, ġie nnutat li kien hemm l-istess 4 persuni li kienu qed iservu matul is-sena skolastika preċedenti u li reġgħu applikaw. Irriżulta wkoll li ma kienx hemm applikanti ġodda.

Filfrattemp ser jintalab *feedback* dwar is-servizz għas-sena skolastika preċedenti.

**3.24.6** **<u>Korrispondenza</u>**

3.24.6.1 **Sinjali tat-Traffiku Ħdejn il-Viri's Take Away**

Il-Kunsill irċieva bosta talbiet mingħand residenti dwar bidla fis-sinjali tat-traffiku li jagħtu għad-direzzjoni lejn il-Viri's Take Away li jkunu ġejjin mit-Triq il-Kapuċċini. Ir-residenti kif ukoll il-Kunsill jaqblu li minn ġej minn din it-triq bil-vettura tiegħu, għandu jkollu l-aċċess li jdur lejn il-lemin, direzzjoni lejn l-Esplora mingħajr il-ħtieġa li jkollu joħroġ mill-Kalkara biex jagħmel dan.

Is-Sindku kien talab lit-Transport Malta għal dan it-tibdil iżda t-talba ma ġietx milqugħa. Il-Kunsill ser jagħti l-proposta tiegħu ħalli jiżgura li jsiru it-tabelli u s-sinjali meħtieġa jissalvagwardjaw is-sikurezza fit-triq għal dan it-tibdil. Filfrattemp, ġiet provduta stima tat-tabelli li tammonta għal €3,600.

3.24.6.2 **Preżentata Kawża fit-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva ġewwa l-Qorti**

Il-Kunsill irċieva kopja ta' rikors ppreżentat il-Qorti minn resident li għandu diffikulta` fil-mobilita` tagħha fejn qegħda toġġezzjoni d-deċiżjoni mogħtija mit-Transport Malta dwar parkeġġ riservat ppersonaizzat.

Is-Sindku ddikjara li l-persuna li fetħet il-kawża hija qariba tiegħu u għalhekk talab sabiex ma jipparteċipax fid-diskussjoni u għalhekk irrimetta ruħu minn kull deċiżjoni tant li ħareġ mil-laqgħa matul id-diskussjoni ta' din il-materja. Il-laqgħa tmexxiet mill-Viċi Sindku.

Il-Kunsill qabel li għandu jieħu parir legali mill-Avukat tal-Kunsill.

**3.24.7 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera**

***Is-Sa Speranza Chircop, Kunsilliera***

3.24.7.1 **Ħarġa Kulturali**

Is-Sa Chircop infurmat li ser torġanizza ħarġa kulturali lill-anzjani.

3.24.7.2 **Active Aging**

Mit-12 ta' Settembru 2024 ser jerġa' jiftaħ l-Active Aging, bl-għan li ser ikun qed joffri sensiela ta' diskussjonijiet varji mmirati lejn l-anzjani.

***Is-Sur Vincent Bongailas***

2.24.7.3 **Sessjoni ghal Persuni li Jgħinu fil-Qari u Kitba**

Is-Sur Bongailas informa li bħalissa qiegħed f'kommunikazzjoni ma' persuna sabiex ikunu jistgħu jiġu organizzati żewġ sezzjoniet informattivi li jkunu jistgħu jgħin fil-qari u kitba.

3.24.7.4 **Attivita Walkaton (Heritage Walk)**

Is-Sur Bongailas qiegħed jipprepara attivita` sportiva li tikkonsisti f'Heritage Walk

***Il-Perit Nadine Micallef, Kunsilliera***

3.24.7.5 **Dog Park**

Is-Sindku l-Perit Nadine Micallef talbu laqgħa mal-Awtorita` tal-Artijiet sabiex jiġi ddentifikat post adekwat fil-Kalkara sabiex jiġi żviluppat *dog park*. Il-laqgħa saret il-ġimgħa l-oħra u l-Kunsill qiegħed jistenna risposta mill-Awtorita` tal-Artijiet li fiha għandhom jiġu ssuġġeriti postijiet ideali fejn il-Kunsill ikun jista' jiżviluppa bħala *dog park*.

3.24.7.6 **Fondi mill-Unjoni Ewropea – E-mermaid**

Ġew iddentifikati fondi Europej sabiex il-Kunsill jkun jista' jibbenefika minn dawn il-fondi u ssir riċerka bl-użu tal-fondi ma' terzi (bħal NGOs) dwar il-Bajja tar-Rnella u x'jista' jsir sabiex isir titjib fiha b'mod partikolari fil-kwalita` tal-ilma tagħha.

Is-Sa Chircop semmiet li xi żmien ilu kien sar studju fuq il-baħar tal-Bajja.

3.24.7.7 **Oġġezzjoni dwar l-Applikazzjoni bin-Numru ta' Referenza PC/00070/22**

Il-Perit Micallef spjegat il-Kunsill li ddaħlet applikazzjoni għand l-Awtorita` tal-Ipjannar dwar bdil fiz-zoning liema bdil jkun qiegħed jintalab sabiex art li bħalissa tinsab f'Rural Conservation Area tinbidel għal waħda residenzjali. Din l-art tinsab bejn Triq it-Turretta kantuniera ma' Triq Patri Matthew Sultana.

Il-Kunsill unanimament ma jaqbilx ma' din it-talba u ser ikun qed jissottometti l-oġġezzjoni tiegħu mal-Awtorita` tal-Ipjannar.

Il-Perit Micallef issuġġerrit li ssir laqgħa għar-residenti u wkoll għal min jista' jkun nteressat biex ikun mgħarraf bis-sitwazzjoni u jingħata l-informazzjoni meħtieġa sabiex jagħmlu l-oġġezzjoni tagħhom.

3.24.7.8 **Tabella li Sservi bħala Infromazzjoni Turistika**

Il-Perit Micallef infurmat lil-Kunsill illi ottjeniet *sponsor/*fondi mill-kumpanija Shoreline u beħsiebha tutilizzahom billi ssir tabella b'disinn professjonali fejn id-daħla tal-Kalkara. Din it-tabella ser tkun qed toffri informazzjoni ġenerali dwar siti ta' nteress li jinsabu ġewwa l-Kalkara.

3.24.7.9 **Attivita` Organizzata matul it-Tberik tal-Annimali**

Il-Perit Micallef qed tisuġerixxi li matul it-tberik tal-annimali ssir attivita relata ma' dan l-avveniment. Hija ser tagħmel kuntatt mal-Kappillan dwar dan.

Fis-7.00pm, is-Sur Bongailas talab biex jiġi skużat mil-laqgħa minħabba mpenji oħra.

**3.24.8 Punti Ġenerali**

**Is-Sur Wayne Aquilina, Sindku**

3.24.8.1 Is-Sindku rrimarka illi l-ilment m'għandhomx jitħallew għal-laqgħa , eżempju bozza mhux tixgħel ecc iżda kull Kunsillier għandu jirraporta l-Amministrazzjoni tal-Kunsill biex isiru t-tiswijiet neċessarji.

**Is-Sur Vince Bongailas, Viċi-Sindku**

3.24.8.2 Is-Sur Bongailas ressaq ilment minħabba nuqqas ta' dawl fi Triq Luiġi Pisani għalhekk ser jintbagħat ilment lil-Enemalta.

**Is-Sa Speranza Chircop, Kunsilliera**

3.24.8.3 **Kampijiet fuq il-Bajja tar-Rnella**

Is-Sa Chircop talbet sabiex il-Bajja tar-Rnella ma tibqax timtela' b'*gazebos* bla permess tant li jimlew u jokkupaw il-bajja bihom.

Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu żewġ għażliet jew jitħallew l-affarijiet kif inhu jew tittieħed id-deċiżjoni li ma jibqgħux jitħallew jitqiegħdu aktar *gazebos* jew għarmar simili. Semma' wkoll li mportanti li jsiru diskussjonijiet mal-entitajiet kkonċernati bħall-pulizija sabiex tkun tista' tittieħed deċiżjoni finali.

Il-Kunsill unanimament qabel din il-materja tiġi diskussa aktar 'il quddiem.

3.24.8.4 **Talba biex Titneħħa t-Traffic Calmer fi Triq il-Kapuċċini**

Il-Kunsill ser jitlob rapport mingħand it-Transport Malta ħalli jivverifika x'permessi hemm tat-*Traffic Calmers* fi Triq il-Kapuċċini.

**Is-Sa Nadine Micallef, Kunsilliera**

3.24.8.5 Il-Perit Micallef semmiet li l-Public Works allokaw l-ammont ta' €75,000 għal din is-sena fejn il-Kunsill jkun ista' jutilizzahom f'tiswijiet ta' bankini, *culverts, patching* żgħar bil-*cold asphalt.*

**3.24.9 Mistoqsijiet lis-Sindku**

Is-Sa Sepranza Chircop

3.24.9.1 **Seabin**

Is-Sa Chircop staqsiet dwar is-seabin u meta ser jiġi nstallat.

3.24.9.2 Rampa Ġdida fil-Married Quarters

Is-Sa Chircop staqsiet dwar l-istadju fl-applikazzi għall-rampa ġdida li talbet biex isir biżwit il-binja tal-Married Quarters.

**Sa Maria Sultana**

3.24.9.3 Is-Sa Sultana staqsiet dwar l-iżvilupp fuq taraġ li jinsab fi Triq Santa Filomena u meta ser jerġa' jinfetaħ mill-ġdid.

Is-Sindku nforma li ser jiċċekja mal-entitajiet kkonċernati u jagħtiha risposta.

**3.24.10 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm.

**Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagamenti**

Is-Sindku kkonferma illi l-iskeda tal-ħlas kienet intbagħtet permezz tal-imejl lil kull Kunsillier din il-ġimgħa biex kull Kunsillier ikollu ċ-ċans jivverifika qabel japprova l-istess pagamenti.

Fuq proposta tas-Sur Vicent Bonagailas ssekondata mis-Sa Nadine Micallef, il-Kunsill Lokali unanimament approva l-pagamenti nkluż l-iskeda tal-pagamenti li tinsab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti.

**4.24.11 Tmiem il-laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

Is-seduta ntemmet fis-7.22pm wara li ġiet eżawrita l-aġenda u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 24 ta' Settembru 2024, fil-5.00pm. Il-kumplament tal-Kunsill qabel unamimament.

Konfermati, illum 27 ta' Settembru 2024

**Wayne Aquilina**
**Sindku**

**Etienne Scicluna**
**Segretarju Eżekuttiv**